# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2022.**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 720/22JRM**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-numru 1021/2022 fl-ismijiet:

L-Avukat Dr. Julian **FARRUĠIA** bħala mandatarju speċjali tal-assenti Michael Pammer

vs

**VISTAJET LIMITED (C – 55231)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta' Awwissu, 2022, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija rikorrenti eżekutata Vistajet Limited

(minn issa ’l hemm imsejħa “l-eżekutata”) talbet li din il-Qorti (i) tħassar u tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv maħruġ kontriha fis-27 ta’ Lulju, 2022, fuq talba tal-intimat assenti Michael Pammer (minn issa ’l hemm imsejjaħ l-“eżekutant”) dwar kreditu dovut skond Dikjarazzjoni ta’ Eżegwibilita` maħruġ taħt l-artikolu 18(1) tar-Regolament 1896/2006(KE) li joħloq Ordni ta’ Ħlas Ewropea billi ma jissodisfax il-kriterji meħtieġa bil-liġi għall-ħruġ tiegħu u (ii) tissospendi għal kollox l-proċediment tal-eżekuzzjoni tal-istess Mandat għall-għanijiet tal-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament 1215/2012(UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Talbet ukoll il-kundanna tal-eżekutant għall-ħlas tal-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Awwissu, 2022, li bih ordnat in-notifika tar-rikors lill-eżekutant u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-30 ta’ Awwissu, 2022;

Rat in-Nota mressqa mill-avukat Julian Farruġia fit-18 ta’ Awwissu, 2022[1], li biha qal li kien qiegħed irodd lura l-atti tar-Rikors li kien notifikat bihom ladarba l-mandat mogħti lilu mill-eżekutant ma kienx ikopri s-setgħa li jidħol fil-proċeduri mressqa mill-kumpannija eżekutata;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutant fis-26 ta’ Awwissu, 2022, li biha laqa’ għat-talbiet tal-kumpannija eżekutata billi qal li l-artikolu 827 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li ssemmi l-eżekutata bħala l-bażi tal-azzjoni tagħha ma jgħoddx għall-każ minħabba li l-Mandat inħareġ bis-saħħa ta’ Regolament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 825A tal-istess Kodiċi. Minbarra dan, l-eżekutant jisħaq li l-eżekutata ma setgħetx tinqeda bil-proċedura maħsuba fl-artikolu 281 tal-imsemmi Kodiċi biex tipprova tattakka s-siwi tat-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-30 ta’ Awwissu, 2022;

Rat l-atti kollha tar-rikors, u kif ukoll dawk tal-Mandat eżekuttiv li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta’ Awwissu, 2022, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġġ. 22 – 3 tal-atti

Illi din hija azzjoni skond l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta għat-tħassir ta’ Mandat esekuttiv maħruġ kontra l-eżekutata, għaliex tgħid li t-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat ma jiswiex għaliex ingħata minn qorti barranija bla ma qatt kienet notifikata bit-talba li l-eżekutant kien ressaq quddiem dik il-qorti (bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 45(1) u 46 tar-Regolament 1215/2012(UE)), u billi lanqas ressaq traduzzjoni tat-titolu miksub f’ilsien li l-eżekutata tista’ tifhmu (bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikou 21(2)(b) tar-Regolament 1896/2006(KE)). Iżżid tgħid ukoll li l-imsemmi Ordni ma jiswiex għaliex inħareġ minn qorti (dik fl-Awstrija) li ma kellhiex is-setgħa li toħorġu għaliex hija ma kienet qatt domiċiljata fl-Awstrija u lanqas qagħdet għall-ġurisdizzjoni ta’ dik il-qorti, u, f’kull każ, il-kuntratt tal-impieg li dwaru nħalqet il-kwestjoni mal-eżekutant kien jagħmilha ċara li tgħodd għalih il-liġi ta’ Malta u l-partijiet kienu qablu li kull kwestjoni li setgħet tqum dwaru kellha titressaq quddiem it-Tribunal Industrijali f’Malta. Fuq is-saħħa ta’ dawn ir-raġunijiet, l-eżekutata tgħid li hemm “raġuni valida skont il-liġi” biex tista’ titlob it-tħassir tal-Mandat;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat eżekutant iwarrab għal kollox l-allegazzjonijiet u l-ilmenti tal-eżekutata u jgħid li ma hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha tilqa’ xi waħda mit-talbiet magħmulin minnha, u li ma tistax tinqeda bil-proċedura maħsuba fl-artikolu 281 biex tipprova tħassar il-Mandat u l-eżekuzzjoni tiegħu billi twaqqa’ s-siwi tat-titolu li bis-saħħa tiegħu nħareġ dak il-Mandat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti ewlenin marbutin mal-każ</u> jirriżulta li l-eżekutant kien impjegat mal-eżekutata bħala pilota (kaptan) b’kuntratt ta’ mpieg għal żmien indefinit b’seħħ mill-21 ta’ April, 2015[2]. L-eżekutata hija kumpannija reġistrata f’Malta b’uffiċċju reġistrat f’Malta wkoll[3]. L-eżekutant joqgħod fi Vjenna. B’ittra mibgħuta minnha fit-8 ta’ Lulju, 2020[4], l-eżekutata bagħtet tgħarraf lill-eżekutant li kienet qiegħda ttemmlu l-impieg tiegħu minn magħha b’seħħ mit-8 ta’ Ottubru ta’ dik is-sena (jiġifieri, kienet qiegħda tagħtih avviż ta’ tliet xhur). L-eżekutant ressaq talba quddiem il-Qorti Distrettwali tal-Belt ta’ Vjenna dwar pretensjonijiet ta’ ħlas lilu dovut mill-eżekutata taħt il-kuntratt tal-impieg u, fil-15 ta’ Diċembru tal-2020, inħareġ l-Ordni ta’ Ħlas. Skond iċ-Ċertifikat ta’ Eżigwibilita` maħruġ fit-28 ta’ April, 2022, l-eżekutata kienet laqgħet in-notifika tal-pretensjonijiet tal-eżekutant fit-2 ta’ Ġunju, 2021[5]. It-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret fis-27 ta’ Lulju, 2022, u l-Qorti laqgħetha fit-28 ta’ Lulju, 2022;

---

[2] Dok “JV2”, f’paġġ. 3 sa 17 tal-atti
[3] Dok “JV3”, f’paġġ.
[4] Dok “JV1”, f’paġ. 6 tal-atti
[5] Ara d-Dok “Ġ” mehmuż mal-Mandat

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ din il-Qorti tqis li l-eżekutata ma tressaq l-ebda lment dwar il-Mandat innifsu. L-argument ewlieni tagħha hu li n-nuqqas ta' siwi huwa tat-titolu li fuq is-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat. Hija tgħid li n-nuqqas ta' siwi tat-titolu eżekuttiv li jsejjes il-ħruġ ta' Mandat hija waħda mir-raġunijiet li l-liġi tagħti biex bih jista' jintalab it-tħassir ta' Mandat jew tal-eżekuzzjoni tiegħu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-mertu tar-rikors, din il-Qorti diġa` wriet, f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din tal-lum, li hija tal-fehma li l-għan li għalih iddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir[6]. Xogħol il-Qorti huwa dak li tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv[7]. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-Mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[8]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[9]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawża preżenti mhuwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

---

[6] App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Awtorità Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd***
[7] Ara P.A. GV **19.11.2008** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et***
[8] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.414**)
[9] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju) u P.A. LSO **15.4.2014** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr Carmel Chircop vs Louis Farruġia*** (mhux appellat)

Illi, b'żieda ma' dan, l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 281 tgħodd fejn issir talba għat-tħassir, għal kollox jew f'parti minnu, tal-att eżekuttiv, u mhux tas-sospensjoni tal-effetti tiegħu[10], li għandha tintalab f'azzjoni meħuda bil-proċedura kontenzjuża quddiem il-qorti xierqa[11]. Minbarra dan, ir-rimedju mogħti fl-imsemmi artikolu 281 jgħodd għat-tħassir, għal kollox jew f'biċċa minnu, ta' att eżekuttiv u ma jgħoddx għat-tħassir ta' titoli eżekuttivi[12];

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

Illi l-Qorti tagħraf li, madankollu, fil-qafas ta' dak li ngħad aktar qabel, biex jista' jinħareġ att eżekuttiv, irid tabilfors ikun hemm titolu eżekuttiv. Għalhekk, l-eżekuttivita` (b'distinzjoni mis-siwi tal-mertu tiegħu) tat-titolu trid tirriżulta biex wieħed jista' jqis is-siwi tal-att eżekuttiv li jintalab bis-saħħa tiegħu[13]. Kemm hu hekk, f'dawn l-aħħar żminijiet, ingħad ukoll li n-nuqqas ta' eżistenza ta' titolu eżekuttiv ukoll taqa' fil-parametri tal-istħarriġ dwar "raġuni tajba" li qorti tista' tintalab tagħmel f'azzjoni mibdija taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[14]. Madankollu, jibqa' l-fatt ukoll li dawn il-kwestjonijiet iridu jitħaddmu fil-qafas tar-regola li ma huwa mogħti lil ħadd il-jedd li jopponi għall-eżekuzzjoni ta' Mandat, ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni[15];

Illi kif ingħad qabel, l-eżekutata tressaq in-nuqqas ta' siwi tal-Ordni għal Ħlas b'raġuni għat-talba tagħha biex titlob it-tħassir tal-Mandat. Din ir-raġuni taqsamha fuq tliet kawżali li, imbagħad, torbothom ma' dak li jgħidu l-artikoli 826 u 827 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawk l-artikoli jitkellmu dwar l-esekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija minn qorti jew tribunali barra minn Malta;

Illi l-eżekutant iwarrab kemm it-tliet kawżali u kif ukoll l-imsemmija dispożizzjonijiet u jisħaq li l-proċedura mnedija mill-eżekutata ma tistax tintuża biex tattakka t-titolu eżekuttiv miksub minnu, liema titolu ngħata s-saħħa tal-

[10] Ara, b'eżempju, P.A. AJM **5.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Terranet Ltd vs Linknet Ltd. et***; u App. Ċiv. **5.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Persiano et vs Persiano*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.257**)
[11] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Imperia Caruana vs Olena Caruana Verbytska***
[12] App. Ċiv. **27.3.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Clement Mifsud Bonniċi noe vs Vertical Group Holding Ltd***
[13] Ara Maġ. GV **12.4.2012** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Isabella Ċilia vs Robert Ċilia***
[14] App. Ċiv. **8.2.2019** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr Marlon Borġ noe vs MV Bright Star et***
[15] Art. 276 tal-Kap 12

eżekuttivita` b'mod uffiċjali u b'ħarsien sħiħ ta' dak li jitlob ir-Regolament li taħtu nħareġ;

Illi, lil hinn minn kull aggravju li l-eżekutata jista' jkollha dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ħruġ tal-Ordni għal Ħlas, jibqa' l-fatt li dak l-Ordni sallum għadu ma twaqqa' minn ebda deċiżjoni mogħtija minn xi qorti oħra u bil-liġi huwa maħsub li jikkostitwixxi titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu jista' jintalab il-ħruġ ta' Mandat eżekuttiv, bħalma huwa l-Mandat mertu ta' din il-proċedura. Jekk l-eżekutata jidhrilha li għandha titlob it-tħassir tal-Ordni trid tirregola ruħha bit-teħid tal-proċeduri meħtieġa biex iġġib dikjarazzjoni minn qorti dwar is-siwi tal-imsemmi Ordni, dan tista' tagħmlu bla ebda xkiel fis-sedi xierqa, imma sadattant dan ma jnaqqas xejn mis-saħħa eżekuttiva tal-imsemmi Ordni. Minbarra dan, ir-raġunijiet li l-eżekutata ssemmi biex tattakka dak it-titolu jmorru lil hinn mill-istħarriġ li din il-Qorti tista' jew mistennija tagħmel fi proċedura bħal din li għandha quddiemha;

Illi l-Mandat inħareġ fuq is-saħħa ta' dak l-Ordni u għaldaqstant ma hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti jmissha ssib xi nuqqas fl-eżekuttivita` tiegħu;

Illi fl-aħħarnett, il-Qorti taqbel mal-argument tal-eżekutant li, f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw l-Ordni li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat huma dawk fl-artikolu 825A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux, kif imsemmi mill-eżekutata, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 826 u 827 tal-istess Kodiċi;

Illi minħabba f'hekk il-Qorti ssib li l-eżekutata ma seħħilhiex tagħtiha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat maħruġ kontriha u wisq anqas li twaqqaf l-eżekuzzjoni tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti** eżekutata għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 1021/22 maħruġ kontriha mill-intimat eżekutant *proprio* fit-28 ta' Lulju, 2022, **bl-ispejjeż** kontra tagħha.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**
**6 ta' Settembru, 2022**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**
**6 ta' Settembru, 2022**